MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 676/1989/1

**Mary Grech debitament assistita minn zewgha Edmund Grech u l-istess Edmund Grech bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratur ta' l-istess**
**vs**
**Joseph Chetcuti sew proprju kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' J.B.Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Billi l-attur u l-konvenut huma t-tnejn socji tal-kumpanija J.B. Limited kopja tal-istatut ta' liema socjeta' qed tigi hawn esebita u markata Dokument A;

U billi fl-istess socjeta' iz-zewg socji it-tnejn ghandhom hamsin fil-mija tal-kapital socjali tal-istess socjeta;

U billi fl-istess socjeta ttiehdu decizjonijiet mill-konvenut Joseph Chetcuti personalment li ppregudikaw serjament l-interess socjali tas-socji f'dik is-socjeta kif ukoll l-istess konvenut qieghed jipproponi li jaghmel kuntratti ghan-nom tal-istess socjeta li jkunu ta' pregudizzju serju ghall-atturi bhala socji f'dik is-socjeta u ta' vantagg personali ghall-konvenut Joseph Chetcuti;

U billi anke dawn l-ahhar hames snin il-kontijiet ta' l-istess socjeta baqghu mhux finalizzati minhabba nuqqas ta' qbil bejn is-socji;

U billi l-konvenut Joseph Chetcuti qieghed javvalixxi ruhhu mid-dritt tieghu li juza il-casting vote b'mod li jarrega vantagg lilhu innifsu u bi pregudizzju tal-atturi bhala socji fil-fuq imsemmija socjeta;

U billi l-partijiet originarjament kienu qablu li l-istatut tas-socjeta jigi emendat biex jirrifletti il-posizzjoni ta' ugwaljanza taghhom f'dik is-socjeta pero' dawk l-emendi baqghu ma sarux minkejja l-insistenza tal-atturi dwar l-istess;

U billi l-imgieba tieghu f'dan l-ahhar snin il-konvenut wera li ma kienx lest li jmexxi l-affarijiet tas-socjeta fl-interess tal-azzjonisti kollha u tas-socjeta per se u li kien qed juza l-istess socjeta biex ghal skopijiet personali tieghu u a skapitu tal-azzjonisti l-ohra u tas-socjeta stess jirrega vantagg lilhu nnifsu;

U billi ghalhekk u ghal ragunijiet ohra li jirrizultaw tul it-trattazzjoni tal-kawza hemm ragunijiet serja u gravi li jmisshom jiggustifikaw ix-xoljiment tal-fuq imsemmija socjeta J.B. Limited;

Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:

1. tiddikjara li jezistu ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment tas-socjeta' J.B. Limited;

2. tiddikjara ghalhekk xolta il-fuq imsemmija socjeta J.B. Limited;

3. tinnomina stralcjarju biex jiehu hsieb l-istracc tal-istess socjeta.

Bl-ispejjez u l-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li permezz taghha eccepew:

1. Preliminarment li it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex il-fatti kif esposti mill-atturi biex jiggustifikaw li stess talbiet huma falsi;

2. Illi d-decizjonijiet tas-socjeta kif jolqtu lis-socji gew fil-passat dejjem mehuda bl-approvazzjoni taz-zewg socji;

3. Illi ma jikkonkorrux ir-ragunijiet sollevati mill-atturi biex jiggustifikaw ix-xoljiment tas-socjeta;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr.Mark Chetcuti debitament mahlufa fl-4 ta’ Awissu 1996;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat

Illi relattivament ghall-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri l-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet u kostatazzjonijiet maghmula minnha fis-sentenza moghtija llum fil-kawza fl-istess ismijiet numru 819/89, u taddottahom b’ mod li jifformaw parti mill-gudizzju odjern.

Illi inoltre taghmel referenza u tabbraccja l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-Perit Legali fir-relazzjoni tieghu relattivament ghat-talbiet attrici. Mill-provi jirrizulta manifest id-dizgwid serju ezistenti bejn l-azzjonisti tal-kumpanija J.B. Limited, li *inter alia* wassal

sabiex il-konvenut jidher ghan-nom tal-kumpanija meta ma kienx debitament awtorizzat, u ad insaputa tal-attrici ko azzjonista, ttrasferixxa fuq ismu personali proprjeta’ tal-kumpanija, u dana nonostante li huwa kien konxju tal-opposizzjoni li kienet qeda taghmel l-attrici ghal dan it-trasferiment.

Irrizulta wkoll li l-kumpanija ilha ma tahdem mill-bidu tal-kawza u cioe’ minn Gunju 1989 u m’ ghadhiex aktar vijabbli.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li jezistu ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment tas-socjeta’ J.B. Limited; tiddikjara ghalhekk xolta l-imsemmija socjeta’ u tinnomina lill-Awditur Ray Gatt. stralcjarju biex jiehu hsieb l-istralc tal-istess socjeta’.

L-ispejjez jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------